StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

**IT-TIENI SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ______________**

**1. Agħmel ĊIRKU madwar l-oġġetti li kont issibhom fi Żmien il-Medjuevu. GĦAXRA (10) biss minnhom huma tajbin.**




**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet mill-istampi mogħtija hawn taħt.**

2.1 Liema **tnejn** minn dawn, fl-opinjoni tiegħek, **ma kontx** issibhom fir-razzett tal-bdiewa fil-Medjuevu?
Agħmel **ċirku** madwarhom.



2.2 Liema **tnejn** minn dawn l-armi tal-ġlied taħseb li **ma kinux** jintużaw fil-Medjuevu?
Agħmel **ċirku** madwarhom.



2.3 Liema **tnejn** minn dawn taħseb li **ma kontx** issibhom fil-kastell tas-sultan fil-Medjuevu?
Agħmel **ċirku** madwarhom.



**(Total: 6 marki)**

**3. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

3.1 Nitgħallmu l-istorja mil-leġġendi. ________________

3.2 Is-sorsi fl-istorja huma dejjem sorsi primarji. ________________

3.3 L-istudjuż tal-istorja jissejjaħ storiku. ________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3.4 Fl-istorja wieħed jitgħallem dwar l-univers u n-natura. ____________

3.5 Fi żmien l-Għarab il-mexxej ta' Malta kien jissejjaħ qadi. ____________

3.6 Fis-sistema fewdali, bidwi seta' jilħaq sultan. ____________

3.7 Il-Kruċjati kienu gwerer bejn l-Insara u l-Misilmin. ____________

3.8 Il-Birgu kien il-belt kapitali ta' Malta fil-Medjuevu. ____________

3.9 Fil-Medjuevu l-Maltin kienu jixtru l-qamħ mill-Ingilterra. ____________

3.10 Il-Kavallieri ġew Malta wara l-Aragoniżi. ____________

**(Total: 10 marki)**

**4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar id-Dejma.**



**Sors A**



**Sors B**

4.1 X'kienet id-**dejma**?

____________________________________________ (2)

4.2 X'qegħdin jagħmlu l-irġiel f'Sors A?

____________________________________________ (2)

4.3 Għaliex il-kaptan tad-dejma f'Sors B kien ikun biż-żiemel?

____________________________________________ (2)

4.4 Semmi **żewġ** armi li riedu jżommu l-kapijiet tal-familji mseħbin fid-dejma.

(a) ____________________ (b) ____________________ (2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4.5 Marbuta mal-attakki tal-furbani fuq il-Gżejjer Maltin insibu xi leġġendi, fos
**Għar Ħasan**. Semmi leġġenda oħra u għid fil-qosor x'tgħid.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (1, 3)

**(Total: 12-il marka)**

**5. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi primarji u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar is-sistema fewdali fil-Medjuevu.**

5.1 Ikteb fil-kaxxi l-griżi **SINJUR** jew **FQIR** għal dawn il-persuni tal-Medjuevu. (4)

| 5.1.1 | 5.1.2 | 5.1.3 | 5.1.4 |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| sid fewdatarju | bidwi | bejjiegħ tal-ħut | kavallieri |
| | | | |

5.2 L-artijiet li s-sultan kien iqassam kienu jissejħu (*qbiela, fewdi, distretti, provinċi*). (1)

5.3 Għaliex is-sultan kien jagħti partijiet mis-saltna tiegħu lin-nobbli ħbieb tiegħu?

______________________________________________ (2)

5.4 Fejn kienu jgħixu s-sidien fewdatarji? ____________________ (1)

5.5 Fejn kienu jgħixu l-bdiewa? ____________________ (1)

5.6 Għaliex il-bdiewa kienu jgħixu ħajja miżera u ta' ħafna tbatija?

______________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar il-Kavallieri ta' San Ġwann u wara il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A:** Fra Ġerardu



**Sors B:** La Valette



**Sors C:** L'Isle Adam

6.1 Użа n-numri **minn 1 sa 3** biex tqiegħed dawn is-sorsi dwar l-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann wara xulxin skont iż-żmien li għexu. Agħti n-numru **1** għal dak li ġie l-ewwel fl-istorja. (3)

6.2 Ikteb sentenza dwar kull sors biex turi r-rabta li dawn kellhom mal-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

6.2.1 Sors A: ______________________________ (2)

6.2.2 Sors B: ______________________________ (2)

6.2.3 Sors C: ______________________________ (2)

6.3 Min kienu l-għedewwa l-kbar tal-Kavallieri ta' San Ġwann? ______________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**7. Ħares sewwa lejn is-sors fl-istampa li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**



7.1 Liema ġrajja mill-istorja ta' Malta tidher imfakkra fis-sors hawn fuq?

______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7.2 F'liema sena seħħet din il-ġrajja? ______________________________

7.3 F'liema post sar ħafna mill-ġlied matul din il-ġrajja?

______________________________ (1)

7.4 Semmi mexxej tal-Kavallieri u mexxej tat-Torok f'din il-ġrajja.

(a) mexxej tal-Kavallieri: ______________________________ (1)

(b) mexxej tat-Torok: ______________________________ (1)

7.5 Imla l-vojt b'kelma adattata:

______________ ta' San Ġwann matul din it-taqbida. (1)



7.6 Imla l-vojt b'kelma adattata:

Wieħed mis-suldati ______________ matul din l-istess taqbida. (1)



7.7 Min rebaħ u min tilef f'din it-taqbida?

______________________________ (2)

7.8 X' riżultat kellha din il-ġrajja fuq l-istorja ta' Malta? Agħżel **it-tlieta** tajbin.

(a) L-Ordni reġgħet marret lura fil-gżira ta' Rodi.
(b) Bdiet tinbena l-Belt Valletta.
(c) Il-Granmastru La Valette inqatel mill-għadu waqt il-ġlied.
(d) Il-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu Malta.
(e) Malta serviet bħala tarka tal-Kristjaneżmu.
(f) L-Ordni bdiet tilqa' membri Maltin bħala Kavallieri. (3)

**(Total: 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**8 Aqra sewwa din is-silta li ġejja dwar il-ġrajja ta' Monroj u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



*Ir-Re Fonzu V*

8.1 Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet kif suppost.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Imdina* | *Monroj* | *Kostanza* | *Għarab* | *Fonzu V* |

Fl-1421 Gonsalvo ____________ irċieva l-Gżejjer Maltin bħala fewdu mingħand ir-re _____________ ta' Aragona u Sqallija. Biex kiseb il-Gżejjer Maltin hu kellu jagħti lir-re 30,000 fjorin tal-fidda, somma flus kbira ħafna għal dak iż-żmien. Biex jieħu ħsieb jiġbrulu t-taxxi u l-qbiela, Monroj bagħat f'Malta lil martu _______________ u l-qaddej tiegħu Palatamone. Wara xi snin il-Maltin ma felħux jissaportu iżjed u qamu f'rewwixta kontrieh.

Biex jeħilsu minn Monroj, il-Maltin offrew li jiġbru t-30,000 fjorin minn ġidhom stess. Riżultat ta' dan il-Maltin komplew ftaqru u għal xi snin waqa' ġuħ u għaks kbir fil-gżejjer. Biex tkompli tagħqad, fl-1429 l- _____________ tat-Tuneżija ħabtu għall-_______________. Għalkemm lil din ma rebħuhiex, huma ħallew ħerba kbira fil-gżira.

(5)

8.2 Gonsalvo Monroj inħatar (*sid fewdatarju, isqof, viċirè, gvernatur*) ta' Malta. (1)

8.3 F'liema seklu seħħet il-ġrajja ta' Monroj? ______________________________ (1)

8.4 Għaliex il-Maltin qajmu rewwixta kontra Monroj?

_____________________________________________________________ (1)

8.5 X'kellhom jagħmlu l-Maltin biex jeħilsu mit-tmexxija ta' Monroj?

_____________________________________________________________ (1)

8.6 X'kompla ġara biex il-qagħda tal-Maltin marret għall-agħar wara li kienu ħelsu minn Monroj?

_____________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**9. Għażel TNEJN minn dawn it-temi u ikteb ĦAMES sentenzi fuq kull wieħ**

9.1 Il-Vikingi
9.2 Il-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta
9.3 Il-Kruċjati
9.4 In-Normanni
9.5 Kristoforu Kolombu u s-sejba tad-Dinja l-Ġdida
9.6 Il-bidu tal-Kavallieri ta' San Ġwann

**(Total: 10 x 2 = 20 marka)**

**Paragrafu 1**

**Paragrafu 2**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers